# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 03 ta' Frar 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**Vs**

**CLINTON BUGEJA CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Clinton Bugeja Camilleri** detentur tal-karta ta' l- identità numru 135486M imwieled il-Pietà nhar it-12 ta' Marzu 1986, iben George u Rita nee' Camilleri u residenti fi 75, Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha, u akkużat talli bejn id-29 ta' Jannar 2025 u l-1 ta' Frar 2025 ġewwa dawn il-gżejjer:

1) Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Redianne Mifsud (is-sieħba tiegħu ta' qabel) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se

tikkaġuna lil Redianne Mifsud jew il-persuni imsemmija f'din l- imputazzjoni biżà li ser titntuża vjolenza kontriha; liema reat huwa agravat stante li twettaq (i) kontra is- sieħba ta qabel (ii) repetutament u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2) Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Redianne Mifsud, (sieħba ta' qabel tiegħu) jew ġab ruħu b' mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju għal Redianne Mifsud, (sieħba ta' qabel tiegħu) liema reat hu aggravat stante li twettaq (i) kontra s-sieħba ta qabel u (ii) ripetutament u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4); 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3) Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Redianne Mifsud (sieħba ta qabel tiegħu) u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) u 202(h) tal-kodiċi Kriminali ta' Malta;

4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat, bi ksur tal-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta;

5) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamilt użu ieħor mhux xieraq bih. bi ksur tal-Artikolu 49(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Clinton Bugeja Camilleri għall-benefiċċju ta' Redianne Mifsud u dan ai termini ta' artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Redianne Mifsud, dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma semgħet il-Qorti, il-parte ċivile Redienne Mifsud għamlet rapport mal-pulizija illi hi kienet f'relazzjoni mal-akkkużat u dakinhar tad-29 ta' Jannar 2025 hi temmet ir-relazzjoni li kellha mal-akkużat. Hu telaq mir-residenza iżda ma ħax din l-aħbar tajjeb u fil-jiem ta' wara, waqt li kienu qed jifthiemu biex jieħu l-affarijiet tiegħu mir-residenza, beda jibgħatilha messaġġi fejn beda joffendiha u f'mument minnhom anke hedda li jpattihiela ta' dak li għamlet.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din m'hijiex l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejh mal-liġi. Tqis ukoll li għalkemm l-aġir tal-akkużat huwa intollerabbli fis-soċjetà tagħhna, l-aġir jidher li huwa riżultat ta' problemi oħra ta' dipendenza li għandu l-akkużat u li jkun aktar għaqli u ta' ġid jekk l-akkużat jindirzza dawn id-diffikultajiet li

għandu bilgħan li jirriforma ruħu u ma jkollux inċidenti simili 'l quddiem ma persuni oħra. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-akkużat għandu jitpoġġa taħt id-direzzjoni ta' uffiċjal tal-probation u ser tpoġġih ukoll taħt Ordni ta' Trattament.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 251A(1)(a)(4), 251B(1)(2), 251H, 251HA, 202(h), 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 49(a)(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Clinton Bugeja Camilleri <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għal multa ta' mitt Ewro (€100) kif ukoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġiħ taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Redienne Mifsud għall-perjodu ta' sena (1) mil-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li huwa jifhem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, ossija r-reati odjerni minbarra l-piena għar-reati kommessi waqt il-perjodu tal-Ordni.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew ipprovati ebda danni subitii.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**